**Motivi invokati**

— Nuqqas ta' konformità tad-deċiżjoni kkontestata mas-sentenza res judicata invokata mir-rikorrenti;

— Nuqqas ta' konformità fir-rigward tal-analiżi mwettaq mill-Uffiċċju inkonnessjoni max-xebh ta' bejn it-trade marks kunfliġġenti;

— Id-deċiżjoni timmonopolizza l-isem "alpargata" bi ksur tal-ordinament ġudizzjarju u tal-kriterji tal-istess Uffiċċju; u

— Assenza ta' riskju ta' assoċjazzjoni u ta' konfużjoni.

---

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Settembru 2019 – Itinerant Show Room vs EUIPO (FAKE DUCK)**

**(Kawża T-607/19)**

(2019/C 372/35)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Itinerant Show Room Srl (San Giorgio in Bosco, l-Italja) (rappreżentant: E. Montelione, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

*Trade mark kontenzjuża kkonċernata:* Applikazzjoni għal trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea FAKE DUCK – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 17 946 879

*Deċiżjoni kkontestata*: id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-1 ta' Lulju 2019 fil-Każ R 830/2019-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata;

— tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-karattru distintiv intrinsiku tat-trade mark FAKE DUCK;

— Nuqqas ta' teħid inkunsiderazzjoni tal-kumplessità tat-trade mark FAKE DUCK u Disinn ta' Bajda;

— Nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' ugwaljanzi fit-trattament;

— Nuqqas ta' applikazzjoni tal-prinċipju ta' legalità.

---